# Żjara lil Charlie Bambini



Kont ili għal dawn l-aħħar sentejn inżomm lil Charlie Sammut f'moħħi biex ninkludih f'wieħed mill-features ta' dan is-suppliment u din is-sena sibt ix-xoqqa f'moxtha. Charlie jgħidli li l-arti tnisslet fih mindu kien tifel u li trabba mas-Superjur Ġużeppi Muscat tar-Rabat, fiż-żmien meta kien jgħallem il-Mużew Ħ'Attard. Lil Ġużeppi kont intervistajtu fl-edizzjoni ta' sentejn ilu u kull sena żammejt l-appuntament li nżuru biex ngħaddilu kopja. Charlie trawwem u ħa t-teknika, iżda jgħidli li minn dejjem kien dilettant tal-presepju. Jurini ħamiem u nagħaġ żgħar tax-xama' li dari kienu jintużaw għall-presepji. Beda fil-fatt billi kien jesperimenta fuq figuri żgħar, sakemm beda jitla' spiss Napli u ħa l-formazzjoni artistika tiegħu għand il-Prof. Antonio Canone fuq it-teknika tat-terrakotta. Nistaqsi lil Charlie dwar il-bambini tax-xama', li tant baqgħu popolari fil-gżejjer tagħna. Jgħidli li jsiru minn taħlita ta' paraffin wax, raża tas-siġar u bees' wax.

Il-mudell tal-bambin bilqiegħda liebes il-mant aħmar jibqa' l-iżjed wieħed mitlub, iżda Charlie jippreferi jaħdem fuq iż-żgħar għax ma jkunux kummerċjali. Charlie jtennili li ilu jaħdem dan ix-xogħol għal dawn l-aħħar 15-il sena. Jgħidli li matul dawn is-snin, ħoloq mal-120 mudell ta' bambin differenti u fosthom isemmili l-bambin mekkanizzat, is-Salvator Mundi, il-Bambin tat-Trajbu, tal-Epifanija, ir-Ragħaj u tal-Pjagi. Imbagħad isemmili wkoll il-Bambin tal-Ewkaristija, li dan ikun ordnat għal xi knisja biex jiġi espost fuq l-altar maġġur, u b'rispett lejn l-Ewkaristija, jinħadem minn xama' tan-naħal biss! Charlie spjegali wkoll kif jiġi ffurmat bambin tipiku tax-xama'. Jibda billi jaħdem il-korp tax-xama' bajda u l-blata tal-kartapesta fejn jitpoġġa bilqiegħda. Sakemm ix-xama' tkun għadha sħuna, jagħti pożizzjoni lill-idejn. Ix-xagħar sintetiku jiddaħħal b'għodda apposta f'ras il-bambin sakemm ix-xama' tkun għadha sħuna wkoll, u l-istess jekk ikun irid joħloq xi frilli fl-ilbies. Il-ħin qabel ix-xama' tibda tibbies għalhekk jiddetermina kollox. Meta dan il-proċess ikun komplut, Charlie jkessaħ ix-xama' billi jniżżilha fl-ilma. Biex joħloq il-fattizzi tal-wiċċ, jiġifieri l-wardiet, ix-xagħar tal-għajnejn eċċ., juża żebgħa xotta u jisfumaha. Għat-tlibbis tal-bambini, għandu ħajjata apposta għall-ilbies tas-satin.

Minkejja li isem Charlie huwa sinonimu mal-bambini tax-xama', il-kapaċità artistika tiegħu hija realment ferm iżjed versatili minn hekk. Jurini presepju Naplitan trid seba' għajnejn biex tarah, b'xenarju mill-isbaħ u pasturi li jsaħħruk. Jurini wkoll diversi bambini u annimali ħfief fil-piż, maħduma bit-teknika tal-kartapesta ta' Lecce. Nistaqsih għall-bambin mekkanizzat li jiġbdek bil-ħlewwa kbira u xeħta romantika li għandu.

Dan il-bambin ippreżentat rieqed ġo kaxxa, kif iddawwarlu mradd fil-ġenb, jiċċaqlaq u jbexxah għajnejh ma' mużika li tferraħ il-qalb. Charlie huwa fost l-aħħar artisti li għadhom jaħdmu x-xama' f'Malta u żgur l-iżjed wieħed attiv. Jibża' li din is-sengħa għad tintilef fil-futur, għax it-teknoloġija waqqfet lit-tfal milli jesperimentaw u jħammġu jdejhom.



